# POLITIKA NAZZJONALI DWAR L-ALKOĦOL

2018-2023

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI





# Kontenut


**Daħla** 5

**Skop tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol** 6

**1. Sfond** 7

1.1 Il-Kuntest Internazzjonali 8

1.2 Il-Kuntest Malti 9

1.2.1 L-użu tal-alkoħol fil-popolazzjoni taż-żgħażagħ 9

1.2.2 L-użu tal-alkoħol fil-popolazzjoni ġenerali 11

1.2.3 Sewqan taħt l-Influwenza tax-Xorb 14

**2. Għanijiet tal-Politika** 15

**3. Azzjonijiet tal-Politika** 17

3.1 Azzjonijiet tal-politika sabiex jiġi indirizzat il-konsum tax-xorb taħt l-età f'Malta 18

3.2 Azzjonijiet tal-politika sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tal-alkoħol mill-popolazzjoni ġenerali 19

3.3 Azzjonijiet tal-politika sabiex jiġi indirizzat is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb 20

**4. Monitoraġġ, Koordinazzjoni u Implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol** 23

**5. Konklużjoni** 27

# Daħla



L-Ewropa hija l-aktar reġjun fid-dinja li fih isir konsum ta' xorb, fejn kull persuna minn 15-il sena 'l fuq, tikkonsma 9.24 litri ta' alkoħol pur. Dan hu kważi d-doppju tal-medja fid-dinja. Fl-Unjoni Ewropea, madwar aċċident wieħed minn kull erbgħa li jsiru fit-toroq, jista' jintrabat ukoll mal-konsum tal-alkoħol, u kull sena jmutu mill-inqas 6,500 persuna f'aċċidenti stradali relatati mal-alkoħol.

Fid-dawl ta' dan il-kuntest, jien nemmen li huwa d-dmir tiegħi bħala l-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali li nniedi din l-ewwel Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol. Filwaqt li din il-Politika tirrikonoxxi l-fatt li n-nies xorta se jibqgħu jikkonsmaw l-alkoħol, iżda se tfittex li tindirizza l-kwistjonijiet importanti ta' xorb għal min għadu taħt l-età kif ukoll xorb żejjed u irresponsabbli fil-kbar. Għalhekk, dan il-Ministeru se jadotta approċċ ta' politika multidimensjonali sabiex din ir-realtà tiġi indirizzata b'mod ħolistiku u l-ħarsien tas-soċjetà tagħna jittejjeb b'mod ġenerali.

L-ewwel dimensjoni tal-politika tindirizza l-prevenzjoni tal-konsum tal-alkoħol fost il-minorenni. Issa li l-mandat tiegħi huwa wkoll li niżgura li d-drittijiet tat-tfal jiġu protetti, ir-responsabilità tiegħi hi li t-tfal jingħataw l-aħjar tagħlim possibbli sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Hawnhekk huma meħtieġa azzjonijiet sabiex jitrażżan ix-xorb taħt l-età li żgur ma jagħmilx parti mill-iżvilupp tat-tfal. Fil-fatt, l-evidenza xjentifika turi li x-xorb idgħajjef l-iżvilupp tal-moħħ meta wieħed ikun għadu fl-adolexxenza, fejn il-konsegwenzi li jirriżultaw minn dan, jaffettwaw l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal tal-individwu.

Dimensjoni oħra ta' din l-ewwel Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol tipprova timmodera l-imġiba tax-xorb fost l-adulti. Fil-fatt, l-irresponsabilità u x-xorb żejjed jikkompromettu s-saħħa tal-individwu u jirriżultaw f'diversi konsegwenzi soċjali li jistgħu jinkludu riperkussjonijiet kbar kemm għall-individwu kif ukoll għall-familja. Huwa f'dan il-kuntest, l-azzjonijiet li tressqu f'din il-Politika jikkontribwixxu sabiex jitqanqlu sforzi kbar biex din l-imġiba tinbidel.

Id-dimensjoni finali hija mmirata speċifikament biex jiġi evitat is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. Din l-imġiba twassal għat-telf għalxejn b'xejn tal-ħajjiet u għal riperkussjonijiet fuq il-familji tal-vittmi li hemm bżonn li bħala soċjetà naħdmu biex jiġu evitati. Konsegwentement, il-miżuri li jirriżultaw minn din il-Politika huma bbażati fuq it-titjib ta' metodi li ġew ippruvati u ttestjati li wasslu għal bidliet kbar fit-tendenzi tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb li mbagħad jirriżultaw fi tnaqqis kbir kemm f'aċċidenti fatali tat-triq kif ukoll f'dawk mhux fatali f'postijiet oħra.

Fl-aħħar nett, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-azzjonijiet introdotti b'din il-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol għandhom jipprovdu l-opportunità ideali sabiex matul l-implimentazzjoni tagħha, din il-politika tiġi rfinata hekk kif il-ħajja tevolvi maż-żmien.

**Michael Falzon**
**Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali**

# Skop tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol

Skont ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, meta l-alkoħol jintuża b'mod irresponsabbli, dan iħalli impatt negattiv fuq l-individwu, il-familji u s-soċjetà b'mod ġenerali. Fi ħdan din il-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol, approċċ multisettorjali multidimensjonali huwa identifikat bħala neċessarju sabiex il-ħsara kkawżata mill-alkoħol titnaqqas kemm jista' jkun. Sabiex jiġi żgurat li din il-politika tiġi implimentata b'mod effettiv, hija meħtieġa kollaborazzjoni multisettorjali bejn il-leġiżlaturi, il-pulizija, l-awtoritajiet regolatorji, il-fornituri tas-saħħa u tal-kura soċjali, l-industrija tad-divertiment u l-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, fil-proċess tal-iżvilupp ta' din il-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol, li kien jinkludi wkoll perjodu ta' konsultazzjoni lejn it-tmiem tal-2016, li fih kulħadd kien mistieden jgħaddi l-kummenti tiegħu, tressqu għadd ta' suġġerimenti u xi wħud minn dawn ġew inkorporati b'mod xieraq. L-oqsma indirizzati fit-23 azzjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa għal żvilupp, implimentazzjoni u valutazzjoni ta' prattiċi, miżuri u programmi li jkunu soċjalment u kulturalment adattati għall-ħtiġijiet u għall-aspettattivi tagħna.

Il-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol tidentifika miżuri indirizzati għall-popolazzjoni sħiħa kif ukoll miżuri speċifiċi li huma mmirati lejn iż-żgħażagħ u s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. L-ebda miżura mhi se tkun effettiva jekk tiġi implimentata waħidha, għalhekk hija l-ġabra tal-miżuri li tressqu hawn li trid tiġi implimentata b'mod koerenti. Bis-saħħa ta' din il-politika, il-Ministeru responsabbli għall-ħarsien soċjali, permezz tal-Unità ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għad-Droga u l-Alkoħol, għandu l-għan li jiżgura li jkun hemm konsolidazzjoni tal-inizjattivi u koordinazzjoni bejn id-diversi Ministeri, l-organizzazzjonijiet volontarji u korpi oħra li huma meħtieġa jagħmlu l-impenn tagħhom biex jipprevjenu l-użu tal-alkoħol fost l-individwi taħt is-sbatax-il sena u jnaqqsu l-użu tal-alkoħol b'mod li jagħmel inqas ħsara fost l-adulti, li jinkludi s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. Għaldaqstant, il-politika fiha nfisha hija tentattiv sabiex jitnaqqsu u jiġu evitati l-ħsara u l-konsegwenzi potenzjalment negattivi tal-alkoħol fuq l-individwu, il-familja u s-soċjetà fl-aktar sens wiesa' tagħha.

# 01/
# Sfond

# 1.1 Il-Kuntest Internazzjonali

Fir-rigward tal-vizzji tax-xorb fid-dinja, ir-Reġjun Ewropew tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), ras għal ras għandu l-ogħla konsum ta' alkoħol fid-dinja. Ir-rapport "Status Report on Alcohol and Health in 35 European Countries 2013" (WHO Europe, 2013)[1] jiddikjara li "Globalment il-konsum tal-alkoħol ġie identifikat bħala fattur ta' riskju prinċipali għall-piż tal-mard u għall-mortalità prematura, u bħala problema sostanzjali fir-Reġjun Ewropew tad-WHO". Rapport riċenti indika li fl-UE, 1 minn kull 7 mwiet fl-irġiel u 1 minn kull 13-il mewt fin-nisa fil-grupp ta' età bejn il-15 u l-64 sena kienu minħabba l-konsum tal-alkoħol.

Illum, jekk wieħed iħares lejn ix-xejra fil-konsum tax-xorb fuq perjodu ta' madwar tletin sena, bħala medja, il-konsum tal-adulti ras għal ras, b'mod ġenerali naqas fir-reġjun Ewropew b'madwar 12.4% fil-perjodu bejn l-1990 u l-2010. L-akbar tnaqqis fil-konsum ġie osservat fl-Ewropa tan-Nofsinhar (-28.2%), segwit mill-grupp tal-Punent Ċentrali u l-grupp tal-pajjiżi tal-Punent (-12.5%). Fil-pajjiżi Nordiċi, il-konsum varja matul dawn is-snin, fejn wera xi tnaqqis u mbagħad xi żidiet, fejn il-livelli tal-konsum tal-2010 jinsabu ftit ogħla mil-livell tal-1990 (+1.6%). Xejra simili għal dik tal-pajjiżi Nordiċi, fejn kien hemm żieda aktar notevoli fil-konsum, ġiet osservata fil-grupp tal-pajjiżi tal-Lvant Ċentrali u tal-Lvant (+7.3%).

Għalkemm hemm varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi, iżda madwar l-Ewropa kollha ġiet ikkalkulata stima ta' madwar 9.24 litri ta' alkoħol pur ikkonsmati kull sena (WHO Europe, 2013). Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea jirrakkomanda li "Il-konsum tal-alkoħol f'livelli li jagħmlu ħsara huwa stmat li huwa responsabbli għal madwar 195,000 mewt kull sena fl-UE bħala riżultat ta' kanċer, ċirrożi tal-fwied, aċċidenti tat-traffiku u aċċidenti oħra fit-toroq, omiċidji, suwiċidji u kundizzjonijiet newropsikjatriċi" (il-Kummissjoni Ewropea, 2007)[2]. Barra minn hekk, l-alkoħol iħalli wkoll impatt serju fuq dawk il-persuni li jgħixu qrib il-persuna li tixrob, għaliex dan huwa responsabbli għal madwar 50% tar-reati vjolenti kollha tal-persuna, madwar 40% tal-vjolenza domestika kollha, 2,000 omiċidju, 10,000 mewt ta' persuni bl-esklużjoni ta' persuni li jsuqu taħt l-influwenza tal-alkoħol, u madwar 17% tal-każijiet ta' moħqrija u negliġenza tat-tfal. Il-problemi relatati mal-alkoħol huma r-riżultat ta' relazzjoni kumplessa bejn l-użu individwali ta' xorb alkoħoliku u l-ambjent kulturali, ekonomiku u fiżiku tal-madwar u l-kuntesti politiċi u soċjali (WHO Europe, 2013).

1 http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0017/190430/Status-Report-on-Alcohol-and-Health-in-35-European-Countries.pdf

2 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/alcohol/documents/factsheet_harmful_drinking_en.pdf

## 1.2 Il-Kuntest Malti

Bħal f'għadd ta' pajjiżi madwar l-Ewropa, il-konsum tal-alkoħol f'Malta ilu jagħmel parti mill-kultura tradizzjonali. L-i*Strategy for the Prevention and Control of Non-communicable Disease in Malta*, li tnediet fl-2010, tidentifika b'mod ċar l-alkoħol bħala fattur ewlieni ta' riskju marbut ma' mard kroniku bħall-mard tal-qalb u tal-fwied, filwaqt li kemm il-Pjan Nazzjonali kontra l-Kanċer 2011-2015 kif ukoll id-Dokument ta' Konsultazzjoni 2017-2021 tal-Pjan Nazzjonali kontra l-Kanċer għall-Gżejjer Maltin jidentifikaw l-alkoħol bħala element li jżid ir-riskju tal-kanċer.

### 1.2.1 L-użu tal-alkoħol fil-popolazzjoni taż-żgħażagħ

Id-data mir-rapport tal-European Survey Project on Alcohol and Other Drugs (ESPAD) fl-2015 juri li mill-1999, ix-xejra fil-konsum tal-alkoħol kienet qiegħda tonqos minħabba li l-parti l-kbira tal-użu tal-alkoħol juri dan fost iż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u s-16-il sena. L-użu tul il-ħajja tal-alkoħol (40 darba jew aktar) naqas minn 36% fl-1999 għal 20% fl-2015. L-użu tal-alkoħol fl-aħħar 12-il xahar (20 darba jew aktar) naqas minn 51% fl-1999 għal 19% fl-2015, filwaqt li l-użu tal-alkoħol fl-aħħar 30 ġurnata (10 darbiet jew aktar) naqas minn 20% għal 11%.

F'Malta, ix-xorb episodiku bla rażan fl-aħħar xahar (ix-xorb ta' aktar minn 5 xarbiet wara xulxin f'okkażjoni waħda ta' xorb) naqas minn 57% fl-2007 għal 47% fl-2015. Is-sokor tul il-ħajja wkoll irreġistra tnaqqis minn 45% fl-2007 għal 38% fl-2015. Is-sokor fl-aħħar 30 ġurnata wkoll naqas minn 19% fl-2007 għal 15% fl-2015. Il-persuni li jirrapportaw li kienu fis-sakra fl-età ta' 13-il sena jew iżgħar naqsu minn 14% fl-1999 għal 8% fl-2015. Filwaqt li dan it-tnaqqis tal-użu tal-alkoħol fil-popolazzjoni tal-istudenti jqawwi ħafna l-qalb, jeħtieġ li jiġu mmirati sforzi ulterjuri lejn iż-żgħażagħ biex jiġi evitat għalkollox l-użu tal-alkoħol fiż-żgħażagħ ta' sbatax-il sena jew anqas.

**Tabella 1:** Xejriet tal-Użu tal-Alkoħol fost iż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u s-16-il sena għall-perjodu ta' bejn l-1999-2015

| | Perċentwal ta' Studenti Maltin skont is-sena | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1999 | 2003 | 2007 | 2011 | 2015 | Bidla (2011-2015) |
| **L-użu tul il-ħajja tal-alkoħol 40 darba jew aktar** | 36 | 33 | 33 | 30 | 20 | -10 |
| **L-użu tal-alkoħol 20 darba jew aktar: l-aħħar 12-il xahar** | 51 | 32 | 32 | 28 | 19 | -9 |
| **L-użu tal-alkoħol 10 darbiet jew aktar: l-aħħar 30 ġurnata** | 20 | 20 | 20 | 18 | 11 | -8 |
| **Xorb episodiku bla rażan: l-aħħar 30 ġurnata** | / | / | 57 | 56 | 47 | -8 |
| **Xorb episodiku bla rażan 3 darbiet jew aktar: l-aħħar 30 ġurnata** | / | / | 32 | 31 | 22 | -8 |
| **Sokor tul il-ħajja** | / | / | 45 | 44 | 38 | -6 |
| **Sokor: l-aħħar 12-il xahar** | / | / | 38 | 37 | 31 | -6 |
| **Sokor: l-aħħar 30 ġurnata** | / | / | 19 | 20 | 15 | -5 |
| **Fis-sakra fl-età ta' 13-il sena jew iżgħar** | 14 | 13 | 10 | 11 | 8 | -3 |

*Sors: Studji nazzjonali tal-ESPAD 1999-2015.*

L-istudju Health Behaviour in School-aged Children (HBSC) tal-2016, sponsorjat mid-WHO u li sar f'Malta flimkien ma' għadd ta' pajjiżi oħra, fost affarijiet oħra, jagħti daqqa t'għajn lejn il-vizzji tax-xorb fit-tfal fl-etajiet ta' 11, 13 u 15-il sena. Ir-riżultati fir-rigward tax-xejriet tal-użu tal-alkoħol f'dan l-istħarriġ jikkomplimentaw dawk li ġew identifikati fl-istħarriġ tal-ESPAD tal-2015, fejn kien hemm tnaqqis fil-parti l-kbira tax-xejriet tal-użu. Kien hemm tnaqqis evidenti mill-2002 sal-2014 fi tfal ta' 11-il sena li jixorbu l-alkoħol mill-inqas darba fil-ġimgħa.

**Figura 1:** Perċentwal ta' studenti Maltin ta' 11-il sena li jixorbu l-alkoħol mill-inqas darba fil-ġimgħa




*Sors: Studji nazzjonali tal-HBSC 2002-2014.*

Kien hemm ukoll tnaqqis bejn l-adolexxenti ta' 13 u 15-il sena li jirrappurtaw li jixorbu l-alkoħol mill-inqas darba fil-ġimgħa.

**Figura 2:** Perċentwal ta' studenti Maltin ta' 15-il sena li jixorbu l-alkoħol mill-inqas darba fil-ġimgħa




*Sors: Studji nazzjonali tal-HBSC 2002-2014.*

Fl-2002, f'Malta, 25% tas-subien u 18% tal-bniet fl-età ta' 15-il sena rrappurtaw li kienu fis-sakra darbtejn jew aktar. Dan żdied fl-2014 fejn 26% tas-subien u 28% tal-bniet jirrappurtaw din l-imġiba. Din id-data tidentifika dan il-grupp ta' età bħala li qiegħed partikolarment f'riskju u allura għandu jitqies bħala grupp ta' prijorità għal azzjonijiet ta' politika sabiex jitnaqqas l-abbuż mill-alkoħol.

## 1.2.2 L-użu tal-alkoħol fil-popolazzjoni ġenerali

Fl-2002, f'Malta, 25% tas-subien u 18% tal-bniet fl-età ta' 15-il sena rrappurtaw li kienu fis-sakra darbtejn jew aktar. Dan żdied fl-2014 fejn 26% tas-subien u 28% tal-Fl-aħħar Stħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali (2014) li sar f'Malta u Għawdex, ftit aktar minn tliet kwarti (75.9%) ta' dawk li wieġbu, li huwa ekwivalenti għal madwar 209,000 individwu, indikaw li huma xorbu l-alkoħol mill-inqas darba f'ħajjithom; dan jikkorrispondi għal data simili li ġiet ippreżentata fl-Istħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali tal-2001, li wkoll kien irrapporta l-użu ta' għallinqas darba matul il-ħajja, ta' madwar 75.6%. Sebgħa minn kull għaxra ta' dawk li rrispondew (70.6%) indikaw li huma xorbu l-alkoħol fl-aħħar 12-il xahar, li juri żieda żgħira ta' 1.3% jew madwar 4,000 mid-data rrappurtata fl-2001 (69.3%). Kważi tlieta minn kull ħamsa (58.8%) rrappurtaw li xorbu l-alkoħol fl-aħħar 30 ġurnata.

Meta mqabbel mal-figuri rreġistrati fl-2001 (56.2%), il-perċentwal ta' persuni li xorbu l-alkoħol fl-aħħar 30 ġurnata juri l-akbar żieda ta' 2.6%. Mir-rispondenti kollha li xorbu l-alkoħol fl-aħħar xahar, 12% indikaw li huma jixorbu kuljum jew kważi kuljum. Dan juri tnaqqis ta' 1.1% mill-2001, li kienet irrapportat dan il-konsum f'13.1%. Dan juri wkoll li 6.8% tal-popolazzjoni totali ta' kważi 275,000 fl-età ta' bejn it-18 u l-65 sena jixorbu l-alkoħol kuljum jew kważi kuljum.

Sa ċertu punt, ir-riżultati rrappurtati f'dan l-Istħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali, jistgħu jitqabblu mar-riżultati rreġistrati mal-Istħarriġ passati tal-ESPAD, fejn essenzjalment il-prevalenza tal-użu, mill-1995 kienet titkejjel kull 4 snin fost l-istudenti ta' bejn il-15 u s-16-il sena fl-iskejjel sekondarji kollha f'Malta. Illum il-ġurnata, l-istudenti Maltin li pparteċipaw fl-istħarriġ tal-ESPAD tal-2007 u tal-2011 ikollhom bejn 18 u 24 sena u għalhekk jaqgħu f'dan il-grupp ta' età ta' dan l-Istħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali. Meta kien qed janalizza dan il-grupp ta' età, dan l-istħarriġ irrapporta użu ta' alkoħol tul il-ħajja f'87.2%, li juri perċentwal simili mqabbel mat-92% rrappurtat fl-2007 u d-90% rrappurtat fl-istħarriġ tal-ESPAD tal-2011. L-użu tal-alkoħol fl-aħħar 12-il xahar ġie rrappurtat minn 85% tal-persuni fl-età ta' bejn it-18 u l-24 sena filwaqt li ġew irrappurtati perċentwali simili fl-ESPAD fl-2007 (87%) u fl-2011 (86%). Meta tqabbel l-użu tal-alkoħol fl-aħħar 30 ġurnata, dan il-konsum ġie rrappurtat li kien ta' 73% fl-ESPAD tal-2007 u ta' 75.9% f'dan l-istħarriġ.

Meta jiġu analizzati r-riżultati skont is-sess ta' min ħa sehem fl-Istħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali (2014), wieħed jista' jikkonkludi li r-rispondenti li attwalment jixorbu l-alkoħol, fil-parti l-kbira huma rġiel. Fil-fatt, ir-riżultati juru li mill-konsumaturi attwali tal-alkoħol, 59% huma rġiel u 41% huma nisa. Għal darb'oħra, il-figuri ppreżentati hawn juru xejriet simili li ġew irrappurtati fl-istħarriġ tal-2001, li kienu 61% għall-konsumaturi rġiel filwaqt li d-39% li jifdal kienu nisa. Barra minn dan, huwa importanti li jiġi nnutat li l-prevalenza tul il-ħajja tal-konsum tal-alkoħol hija l-ogħla fir-reġjuni tal-Port tat-Tramuntana u dak tan-Nofsinhar, iżda fejn jidħol l-użu attwali tal-alkoħol, dan jitqassam b'mod ugwali mal-gżira kollha, bħalma seħħ fl-istimi tal-2001. Fost dawk li ħadu sehem, fl-Istħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali (2014) jirriżulta li l-età medja għall-ewwel konsum tal-alkoħol hija 17.2. Għal darb'oħra, fl-2011 ġew irrappurtati xejriet simili fejn l-età medja rrappurtata kienet dik ta' 17.4-il sena. Kważi 61% ta' dawk li wieġbu indikaw li huma xorbu l-alkoħol għall-ewwel darba bejn l-età ta' 16 u 19-il sena (Stħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali, 2014).

Il-konsum tal-alkoħol tul il-ħajja, fl-aħħar sena u fl-aħħar xahar jinsab l-aktar fost ir-rispondenti fl-età ta' bejn it-18 u l-24 sena, u dan jonqos aktar ma jikber il-grupp ta' età. Il-konsum tal-alkoħol fl-aħħar xahar fost il-grupp ta' bejn it-18 u l-24 sena kien 76%, filwaqt li dak tal-grupp ta' bejn is-60 u l-65 sena kien 51%, li jfisser differenza ta' 25%. Barra minn hekk, ta' min jinnota li filwaqt li sebgħa minn kull għaxar persuni ta' bejn is-60 u l-65 sena qatt ma xorbu alkoħol, rata għolja ta' disgħa

minn kull għaxar persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena indikaw li xorbu l-alkoħol. Xejriet simili ġew irrappurtati wkoll fl-2001, fejn 90% tal-persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena rrappurtaw li xi darba xorbu l-alkoħol filwaqt li madwar 67.5% tal-persuni ta' bejn is-60 u l-65 sena rrappurtaw xorb tul il-ħajja. Rata għolja ta' 77.5% ta' persuni li xi darba xorbu l-alkoħol bħalissa huma wkoll persuni li għadhom jixorbu, żieda ta' 2.5% mill-2001 (75%).

Minkejja li l-ogħla perċentwali ta' dawk li rrispondew imsemmija aktar 'il fuq jinsabu fl-età ta' bejn it-18 u l-24 sena, il-perċentwali ma jonqsux b'mod drastiku fil-gruppi ta' età aktar għolja. It-tkomplija tal-konsum tal-alkoħol hija aktar preżenti fost l-irġiel milli n-nisa. Filwaqt li 85% tar-rispondenti rġiel li xi darba xorbu l-alkoħol huma konsumaturi attwali, fil-każ tar-rispondenti nisa, ir-rata hija ta' 69%. Kważi 70% tal-persuni li bħalissa jixorbu l-alkoħol jagħmlu dan darba fil-ġimgħa jew inqas. Ir-riżultati juru wkoll li l-irġiel għandhom tendenza li jkunu konsumaturi aktar frekwenti tal-alkoħol. Fil-fatt, filwaqt li 37% tal-irġiel li xi darba xorbu l-alkoħol indikaw li huma jixorbu l-alkoħol kuljum, kważi kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa, l-istess risposta ngħatat minn perċentwal aktar baxx tan-nisa (19%) li xi darba xorbu l-alkoħol.

Il-konsum tal-alkoħol ras għal ras għall-2010 f'Malta ġie stmat li kien ta' 7.9 litri ta' alkoħol pur, kif jidher fil-figura t'hawn taħt, u għas-snin sal-aħħar figuri disponibbli, dawk tal-2014, ma nbidilx ħafna: 6.9, 7.7, 8.6 u 8.5 litri rispettivament[3] . Fil-fatt, filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Ewropa kien hemm tnaqqis fil-konsum ras għal ras matul is-snin, il-konsum f'Malta baqa' l-istess u ma tax kontribut għat-tnaqqis ġenerali li deher fil-pajjiżi tan-Nofsinhar, speċjalment fl-Italja. Għaldaqstant, din il-politika hija tentattiv sabiex jitnaqqas il-konsum bl-għan li jitnaqqsu n-numru ta' persuni li jistgħu jirrikorru għall-użu tal-alkoħol b'mod li jagħmel ħsara u l-konsegwenzi li jġib miegħu.

**Figura 3:** Konsum ras għal ras tal-alkoħol mill-adulti rreġistrat skont il-pajjiż mill-1990 sal-2010 fl-Ewropa tan-Nofsinhar




*Sors: Status Report on Alcohol and Health in 35 European Countries (WHO Europe, 2013)*

3 Status Report on Alcohol and Health in 35 European Countries (WHO Europe, 2013).

## 1.2.3 Sewqan taħt l-Influwenza tax-Xorb

Mingħajr ebda dubju, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb huwa l-kawża ta' numru konsiderevoli ta' mwiet, diżabbiltà temporanja jew permanenti, dħul fl-isptarijiet u konsegwenzi negattivi oħra fit-toroq Maltin.

Fl-1 ta' Diċembru 2017, il-Ministeru responsabbli għat-trasport f'Malta introduċa sistema ġdida ta' Punti Penali. L-għan ta' din is-sistema huwa li tinfluwenza u ttejjeb l-imġiba tas-sewwieqa u tindirizza l-livelli mhux aċċettabbli ta' mwiet u korrimenti serji fit-toroq Maltin. Sistemi ta' punti penali jitħaddmu wkoll f'pajjiżi oħra. L-esperjenza internazzjonali wriet li s-sistema tal-punti penali rnexxielha tnaqqas l-għadd ta' mwiet fit-toroq f'dawk il-pajjiżi.

Fir-rigward tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb fit-toroq Maltin, l-għadd ta' proċeduri tal-Qorti għal sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u l-għadd ta' testijiet tal-breathalyser li jkunu saru, jinġabru mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Il-liġi li tirrigwarda t-testijiet tal-breathalyser ġiet introdotta fil-25 ta' Mejju 1998. Fil-każ li test tal-breathalyser jirriżulta pożittiv u l-individwu jirrifjuta li jwettaq it-test jew it-test ma jitlestiex, tittieħed azzjoni legali.
Miżuri kontra s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb huma l-pedament ta' kwalunkwe politika dwar l-alkoħol. L-għan ewlieni ta' din il-politika huwa li titnaqqas l-okkorrenza tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb sabiex tonqos ir-rata ta' aċċidenti fatali u mhux fatali.

**Tabella 2:** Testijiet tal-Breathalyser f'Malta li saru fil-perjodu bejn l-2009 u l-2016

| Testijiet tal-Breathalyser bejn l-2009 u l-2016 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Sena | Testijiet pożittivi/ imressqa | Ħatja | Mhux Ħatja | Sub Judice |
| **2009** | 81 | 43 | 38 | 0 |
| **2010** | 42 | 36 | 6 | 0 |
| **2011** | 140 | 117 | 24 | 0 |
| **2012** | 173 | 85 | 86 | 2 |
| **2013** | 180 | 108 | 72 | 0 |
| **2014** | 211 | 146 | 54 | 11 |
| **2015** | 183 | 104 | 51 | 28 |
| **2016** | 139 | 63 | 18 | 58 |

***Sors: Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta.***

# 02/

# Għanijiet tal-Politika

# 2 Għanijiet tal-Politika

Din il-politika ssostni li politika komprensiva dwar l-alkoħol tista' tindirizza aħjar ir-realtà tal-użu tal-alkoħol u l-problemi assoċjati miegħu billi tirrifletti impenn fuq is-saħħa, is-sigurtà u l-ħarsien tas-soċjetà Maltija. F'dan ir-rigward ġew identifikati tliet għanijiet ewlenin tal-politika:

**1.** Li jiġi indirizzat ix-xorb taħt l-età f'Malta.

**2.** Li tiġi indirizzata l-ħsara kkawżata mill-alkoħol fil-popolazzjoni ġenerali billi l-ammont ta' alkoħol li jittieħed minn dawk li jagħżlu li jixorbu l-akoħol jitnaqqas kemm jista' jkun.

**3.** Li jiġi indirizzat l-effett negattiv tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb.

# 03/

# Azzjonijiet tal-Politika

# 3.1 Azzjonijiet tal-politika sabiex jiġi indirizzat ix-xorb taħt l-età f'Malta

Huwa għarfien komuni u stabbilit li l-kapaċità li jiġi evitat ix-xorb fl-adolexxenza twassal għal inqas problemi relatati max-xorb aktar 'il quddiem, bħal nuqqas ta' saħħa fil-ħajja adulta. Barra minn hekk, ir-rata ta' mortalità ta' persuni fl-età ta' bejn il-15 u d-19-il sena hija 35% ogħla minn dik ta' persuni fl-età ta' bejn l-10 u l-14-il sena madwar id-dinja.

Aktarx, l-aktar kawża tal-mewt komuni tirriżulta minn korrimenti fit-toroq, segwita minn persuni li jagħmlu ħsara lilhom infushom u mġiba vjolenti li fihom l-alkoħol jista' jkun fattur determinanti. Barra minn hekk, fih innifsu l-alkoħol jista' jnaqqas l-iżvilupp tal-moħħ f'dan il-grupp ta' età bejn il-15 u d-19-il sena, li jirriżulta f'dawn il-konsegwenzi. Il-kuntest diskuss fit-taqsimiet preċedenti jistieden biex isiru l-azzjonijiet li ġejjin sabiex titnaqqas il-prevalenza tal-konsum tal-alkoħol fil-persuni taħt l-età ta' 17-il sena.

**Azzjoni 1:** Il-leġiżlazzjoni tiġi infurzata sabiex tillimita b'mod tanġibbli l-bejgħ, ix-xiri, il-konsum u l-provvista ta' prodotti alkoħoliċi lil persuni taħt l-età ta' 17-il sena.

**Azzjoni 2:** Il-bejjiegħa kollha tal-prodotti alkoħoliċi jiġu obbligati jqiegħdu avviż ċar u f'post prominenti dwar il-projbizzjoni tal-bejgħ tal-alkoħol lill-minuri, u, f'każ ta' dubju, kull min jixtri l-alkoħol jintalab jipprovdi evidenza xierqa li jkun laħaq l-età legali.

**Azzjoni 3:** Pieni aktar ħorox fuq il-bejjiegħa u d-distributuri li jinstabu ħatja li jiksru l-liġi.

**Azzjoni 4:** Infurzar aħjar biex jiġi żgurat li l-prodotti alkoħoliċi jitqiegħdu f'sezzjoni indikata li tkun mifruda b'mod ċar mill-bejgħ ta' prodotti oħra, kemm ġewwa supermarkets kif ukoll fi ħwienet ġenerali oħra li jbigħu bl-imnut.

**Azzjoni 5:** L-introduzzjoni ta' programmi ta' għarfien fil-midja sabiex tinħoloq kultura kritika fost dawk li jirċievu messaġġi mill-midja dwar l-alkoħol.

**Azzjoni 6:** Id-distribuzzjoni ta' prodotti alkoħoliċi mingħajr ħlas (inklużi aċċessorji relatati mad-ditti bħal flokkijiet, ashtrays, nuċċalijiet tax-xemx, brieret, eċċ.) għandha tiġi pprojbita lill-minuri.

**Azzjoni 7:** Bħala inizjattiva ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, il-produtturi tal-alkoħol u l-bejjiegħa bl-imnut jwaqqfu fond għall-Ministeru responsabbli mill-

ħarsien soċjali jew aġenzija maħtura minnu, li jkun responsabbli għar-riabilitazzjoni mill-użu tal-alkoħol sabiex jintuża għal kampanji edukattivi.

**Azzjoni 8:** Jingħata aċċess mifrux għal edukazzjoni effettiva u komprensiva orjentata lejn il-livelli tal-primarja, is-sekondarja, is-Sixth Form u dawk ta' edukazzjoni vokazzjonali, kif ukoll lejn il-ġenituri dwar l-użu tal-alkoħol, permezz ta' prinċipji li jippromwovu s-saħħa bbażati fuq evidenza, li jinvolvu l-istabbilimenti edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-korpi professjonali kollha.

**Azzjoni 9:** Jingħataw il-miżuri ta' prevenzjoni rilevanti, selettivi u indikattivi sabiex jiġu appoġġjati l-persuni taħt is-17-il sena li jkunu rrikorrew għall-użu tal-alkoħol.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni relatati mal-azzjonijiet imsemmija hawn fuq jiġu żviluppati u mmonitorjati kull tliet xhur mill-Unità ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għad-Droga u l-Alkoħol ibbażata fil-Ministeru responsabbli għall-ħarsien soċjali.

## 3.2 Azzjonijiet tal-politika sabiex jiġi indirizzat l-użu tal-alkoħol li jagħmel ħsara fil-popolazzjoni ġenerali

Fir-rigward tal-persuni fl-età ta' 18-il sena jew aktar, huwa għarfien komuni li mill-inqas persuna waħda minn kull ħamsa li jixorbu jagħmlu dan b'mod li jikkawża ħsara. Dan jirriżulta f'dipendenza jew f'disturb ikkawżat mill-użu tal-alkoħol u l-konsegwenzi li jakkumpanjawh. Il-kuntest li ġie diskuss fit-taqsimiet preċedenti jistieden biex isiru l-azzjonijiet li ġejjin sabiex tiġi indirizzata l-ħsara kkawżata mill-użu tal-alkoħol mill-popolazzjoni ġenerali.

**Azzjoni 10:** Jiġi mmonitorjat u kkontrollat l-impatt tal-prezz ta' prodotti alkoħoliċi fuq il-ħsara kkawżata mill-alkoħol.

**Azzjoni 11:** Jiġi introdott taħriġ obbligatorju lis-sidien u lil dawk li jservu x-xorb fi ħwienet liċenzjati.

**Azzjoni 12:** Tiżdied ir-responsabbiltà tas-sidien u ta' dawk li jservu x-xorb (fejn dawk li jipprovdu l-alkoħol jistgħu jinżammu responsabbli għall-konsegwenzi ta' prattiċi li ma jkunux xierqa – bħal li jservu l-alkoħol lil persuni taħt l-età).

**Azzjoni 13:** Jingħata bidu għal diskussjoni meħtieġa mal-awtoritajiet rispettivi sabiex jiġu introdotti kriterji aktar b'saħħithom għall-ambjent fiżiku fir-rigward ta':

a) Rekwiżiti dwar l-iffullar eċċessiv, l-aċċess xieraq u l-ħruġ f'postijiet ta' divertiment;

b) Ventilazzjoni u iġjene xierqa.

**Azzjoni 14:** Jiġu promossi prattiċi tajbin bħal:

(a) Id-dokument ta' prova rigward l-età

(b) L-immaniġġjar b'mod xieraq tal-vjolenza u mġiba oħra li mhix aċċettabbli, bħal imġiba aggressiva u

(c) Il-persuni xurbana ma jingħatawx aktar xorb.

**Azzjoni 15:** L-iżvilupp ta' mekkaniżmi li jillimitaw il-konsum żejjed tal-alkoħol f'avvenimenti fejn il-probabbiltà ta' vjolenza hija kbira.

**Azzjoni 16:** Għarfien ta' interventi speċifiċi għal dawk li jkunu abbużaw mill-alkoħol u għall-familji tagħhom.

**Azzjoni 17:** Flimkien mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, jiġi indirizzat l-użu ħażin tal-alkoħol fuq il-post tax-xogħol.

Dawn l-azzjonijiet jiġu mmonitorjati minn indikaturi stabbiliti li jivvalutaw il-vizzji tax-xorb tal-popolazzjoni ġenerali li s'issa ntużaw waqt li kien qed isir l-istħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali.

## 3.3 Azzjonijiet ta' politika sabiex jitnaqqas is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb

Il-kuntest li ġie diskuss fit-taqsimiet preċedenti jistieden l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin sabiex jitnaqqas is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb li huma orjentati biex ikomplu jappoġġjaw dawk relatati mas-sistema tal-punti penali li bħalissa qiegħda fis-seħħ.

**Azzjoni 18:** Jiġi żgurat l-appoġġ leġiżlattiv meħtieġ, biex dejjem ikun adegwat sabiex l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jwettqu ttestjar tan-nifs każwali u testijiet mal-ġenb tat-triq dwar l-imġiba, kif ukoll ittestjar obbligatorju fit-triq wara xi aċċident.

**Azzjoni 19:** Jiġi introdott limitu tal-Blood Alcohol Content (BAC) ta' 0.2g/l għal: sewwieqa li jkunu qegħdin jitgħallmu jsuqu, sewwieqa ġodda li jkollhom liċenzja tas-sewqan għal inqas minn sentejn, sewwieqa tal-muturi, sewwieqa ta' trakkijiet li jiżnu aktar minn 3.5 tunnellati, jew li jġorru merkanzija perikoluża, kwalunkwe vettura tal-passiġġiera mgħammra b'aktar minn tmien postijiet tal-passiġġiera u taxis.

**Azzjoni 20:** Il-BAC jitnaqqas minn 0.8g/l għal 0.5g/l għas-sewwieqa l-oħrajn kollha.

**Azzjoni 21:** Issir ħidma sabiex jiġi żgurat li l-pieni għal reati relatati mas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb jiżdiedu.

**Azzjoni 22:** L-introduzzjoni ta' valutazzjoni, edukazzjoni u trattament obbligatorju għal dawk li jkunu saqu taħt l-influwenza tax-xorb.

**Azzjoni 23**: Ikompli jiġi promoss u mħeġġeġ il-kunċett ta' "sewwieq nominat" li fih il-membri kollha fost grupp ta' ħbieb li jkunu se jsuqu lejn xi avveniment jiftiehmu biex kull darba wieħed minnhom ma jixrobx qabel jew waqt l-avveniment u għalhekk isuq mingħajr periklu lejn l-avveniment u lura.



# 04/ Monitoraġġ, Koordinazzjoni u Implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol

# 4 Monitoraġġ, Koordinazzjoni u Implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol

F'konformità mal-għanijiet u mal-azzjonijiet deskritti hawn fuq, għandha tingħata prijorità għolja sabiex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi Ministeri, Dipartimenti, entitajiet governattivi, korpi konsultattivi, kif ukoll organizzazzjonijiet volontarji u privati.

Il-monitoraġġ tal-politika permezz ta' indikaturi ewlenin li jseħħ fuq bażi annwali, bejn l-2018 u l-2023.

Din it-taqsima tidentifika l-istituzzjonijiet rilevanti u tiddeskrivi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi differenti li jiffurmaw il-qafas istituzzjonali li se jiddetermina u jagħti kontribut sabiex din il-politika ssir realtà.

**Korp responsabbli għall-Iżvilupp tal-Politika:**

- Il-Bord Konsultattiv Nazzjonali dwar il-Vizzji għandu jissottometti proposti ta' politika sabiex jiġu kkunsidrati mill-Ministru responsabbli għall-ħarsien soċjali. Skont kif u fejn ikun meħtieġ, dawn is-sottomissjonijiet eventwalment jintbagħtu sabiex jiġu kkunsidrati mill-Kabinett u aktar tard jintbagħtu lill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Parlament sabiex jiżdied il-livell ta' għarfien u biex tippromovi l-azzjonijiet meħtieġa.

**Korp responsabbli għall-Implimentazzjoni tal-Politika:**

- L-Unità ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għad-Droga u l-Alkoħol fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ħarsien soċjali għandha tressaq flimkien lill-partijiet ikkonċernati kollha sabiex l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol tiġi ffaċilitata b'mod effettiv. Din l-Unità se:

  **(a)** timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol;

  **(b)** tippromwovi l-koordinazzjoni u tiżgura kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet ikkonċernati, fosthom; il-Ministeru responsabbli għall-ħarsieni soċjali, il-Ministeru responsabbli għax-xogħol, il-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni, il-Ministeru responsabbli għall-affarijiet Ewropej, il-Ministeru responsabbli għall-affarijiet barranin, il-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja, il-Ministeru responsabbli għall-affarijiet interni, il-Ministeru responsabbli għat-trasport, il-Ministeru

responsabbli għas-saħħa, il-Ministeru responsabbli għall-ekonomija, u l-Ministeru għal Għawdex, id-dipartimenti rispettivi li jaqgħu taħt dawn il-Ministeri, l-organizzazzjonijiet volontarji u privati bl-għan li tinkiseb il-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol u tiżdied il-probabbiltà li din issir realtà;

**(c)** tiġbor, tanalizza u tqassam data dwar l-użu ħażin tal-alkoħol u jew l-abbuż mill-alkoħol f'koordinazzjoni mal-ministeri, id-dipartimenti u l-entitajiet kollha involuti;

**(d)** tivvaluta l-impatt tal-użu ħażin tal-alkoħol u jewl-abbuż mill-alkoħol;

**(e)** tiżgura li l-miżuri tal-politika dwar l-alkoħol jiġu mwettqa fil-livelli kollha.

Unit separat fil-Ministru reponsabbli mill-ħarsien soċjali jissorvelja t-twettiq tal-proposti tal-Politika Nazzjonali dwar l-Alkoħol.



# 05/

# Konklużjoni

# 5 Konklużjoni

Il-Gvern jirrikonoxxi l-possibbiltà li x-xejriet u ċ-ċirkostanzi li dejjem qegħdin jinbidlu jista' jkun jeħtieġu emendi għal din il-politika. Għalhekk għandu jkun żgurat li permezz tal-istrutturi kif speċifikati hawn fuq, din il-politika tiġi aġġornata kif meħtieġ matul iż-żmien sabiex tindirizza b'mod effettiv ir-realtajiet li jkunu qed iseħħu fil-futur.